# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 763/11/1 MCH**

**Leonard Cutajar, u b'digriet tad-29 ta' April 2021 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem Sergio Cutajar, Joseph Cutajar u Noel Cutajar Penza u dan wara l-mewt tal-attur Leonard Cutajar li miet fil-mori tal-kawża, Sergio Cutajar u L C & Company Limited u Theresa Cutajar għal kull interess li jista' jkollhom**

**v.**

**Awtorità tal-Ippjanar**

1. Dan huwa digriet dwar rikors preżentat mill-Awtorità appellanti fl-24 ta' Settembru 2021 li bih talbet li tkun awtorizzata tressaq provi dokumentarji dwar eċċezzjoni ulterjuri mressqa minnha.

2. L-appellati Sergio Cutajar, Joseph Cutajar u Noel Cutajar Penza wieġbu fis-27 ta' Ottubru 2021. L-appellata Theresa Cutajar kienet notifikata fl-24 ta' Novembru 2021[1] filwaqt li l-kumpanija L C & Company Limited ma jidhirx li ġiet notifikata. B'danakollu, fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2023, deher l-avukat tagħhom li ddikjara li t-tweġibiet li saru mill-atturi l-oħrajn saru wkoll fl-interess ta' Theresa Cutajar u tal-imsemmija kumpanija.

3. L-appell li ġie interpost mill-Awtorità appellanti huwa minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ġunju 2021, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ġiet miċħuda l-ewwel talba tal-atturi, u ġew miċħuda l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Awtorità issa appellanti u milqugħa l-bqija tat-talbiet tal-atturi, u f'dan is-sens l-Awtorità nstabet responsabbli għad-danni mġarrba mill-atturi meta għal iktar minn darba rrifjutat l-applikazzjonijiet tagħhom filwaqt li approvat applikazzjonijiet ta' terzi għal żvilupp fuq l-istess art, u llikwidat id-danni mġarrba mill-atturi fis-somma ta' €331,295, u b'hekk ikkundannat lill-Awtorità konvenuta tħallas dawn id-danni lill-atturi, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza, kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

[1] *A tergo* ta' fol. 907.

4. Ir-rikors tal-24 ta' Settembru 2021 huwa xprunat mill-fatt li l-Awtorità appellanti, b'rikors preżentat fil-5 ta' Lulju 2021 kontestwalment mar-rikors tal-appell tagħha, kienet talbet li «*tiġi awtorizzata tressaq l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri perentorja*[2] *permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri u dana salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun*». B'digriet tal-10 ta' Awwissu, 2021, din il-Qorti laqgħet it-talba sabiex tiġi preżentata din l-eċċezzjoni ulterjuri, bla ħsara għad-deċiżjoni eventwali dwar il-mertu tagħha. Fis-27 ta' Awwissu 2021, l-Awtorità appellanti ressqet risposta ġuramentata ulterjuri li biha ssollevat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

5. Waqt l-udjenza tal-15 ta' April 2024, din il-Qorti tat direzzjoni lill-Awtorità appellanti sabiex b'nota li kellha tressaq fi żmien għaxart ijiem, telenka d-dokumenti li tixtieq tippreżenta, u l-iskop ta' kull wieħed minnhom. B'nota tad-19 ta' April, 2024, l-Awtorità appellanti indikat is-segwenti bħala d-dokumenti li xtaqet teżebixxi:

> "1. Kopja tas-*site notice* tal-applikazzjoni bin-numru PA/4472/06, li turi d-dettalji tal-applikazzjoni li minnha qed jilmentaw l-appellanti;
>
> 2. Kopja tal-estratt mill-Gazzetta li juri d-data tal-pubblikazzjoni tal-istess applikazzjoni bin-numru PA/4472/06;
>
> 3. Kopja tad-*decision notice* tal-applikazzjoni bin-numru PA/4472/06, li turi d-data tad-deċiżjoni".

[2] Ir-riferenza hawnhekk hija għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

6. Talbiet sabiex jinġiebu dokumenti ġodda quddiem il-Qorti tal-Appell huma regolati mill-Artikolu 150 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din id-dispożizzjoni tgħid hekk:

> "150.(1) Il-Qorti tal-Appell għandha tħalli li jinġiebu dokumenti ġodda biss –
>
> (a) meta, għad li wieħed ikun għamel ħiltu, ma setax ikollu d-dokument qabel il-preżentata tal-att li miegħu kien imissu jinġieb, u l-preżentata ta' dak l-att ma setgħatx, bla ħsara, titħalla għal wara; jew
>
> (b) meta l-qorti tkun sodisfatta mill-ħtieġa jew mill-utilità li jkollha d-dokument quddiemha:
>
> Iżda, f'kull każ bħal dan, il-qorti tista', fil-qtugħ tal-ispejjeż tal-kawża, tieħu qies tad-dewmien li bih ġie miġjub id-dokument; jew
>
> (ċ) meta l-parti kuntrarja, b'nota separata, jew b'notament fil-ġenb jew fit-tarf tan-nota li biha d-dokument jinġieb, tagħti l-kunsens tagħha; jew
>
> (d) meta jiġi ppruvat, b'ġurament jew xort'oħra, li l-parti li ġġib id-dokument, ma kinitx taf bih, jew ma setgħatx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibu fiż-żmien li jmiss; jew
>
> (e) meta d-dokument li għandu jinġieb huwa ktieb jew karti oriġinali oħra, illi tkun inġiebet kopja tagħhom jew estratti minnhom dwar il-kwistjoni fil-kawża fiż-żmien li jmiss; jew
>
> (f) quddiem periti, meta d-dokument għandu x'jaqsam mal-kwistjoni mħollija għall-eżami tagħhom.
>
> (2) Iżda, f'kull stadju tal-kawża li fih jinqala' l-bżonn, jistgħu jsiru t-talbiet li jinħtieġu dwar kwistjonijiet kollaterali".

7. Il-ġurisprudenza dwar l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, anki qabel l-emendi magħmula bl-Att XXXII tal-2021, kienet dejjem fis-sens li r-raġunijiet li taħthom jistgħu jiġu ammessi dokumenti ġodda quddiem din il-Qorti huma lkoll eċċezzjonali u għalhekk kull ċirkostanza msemmija taħt l-istess dispożizzjoni għandha titfisser f'sens dejjaq (ara, pereżempju, ***L-***

***Avukat Dottor Grazio Mercieca nomine v. Joseph Cassar nomine***, Appell Superjuri, 10/10/2003; u ***Avukat Joseph A. Schembri nomine v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku***, Appell Superjuri, 7/2/2012). Qabel l-imsemmija emendi, l-eżibizzjoni ta' dokumenti taħt l-Artikolu 145 kienet espressament eskluża mill-effetti tal-Artikolu 150, iżda l-qagħda llum hi li ċ-ċirkostanzi previsti fl-Artikolu 150 japplikaw f'kull każ fejn issir talba biex jinġieb dokument ġdid.

8. L-Awtorità appellanti tiġġustifika t-talba tagħha bil-fatt li hija ressqet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni biss f'din it-tieni istanza. Din però mhijiex raġuni maħsuba fl-Artikolu 150(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

9. Huwa minnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, bħala eċċezzjoni perentorja, tista' tiġi sollevata f'kull stadju tal-kawża, imqar fl-appell kif jgħid l-Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili. Dan però ma jfissirx li min jagħti dik l-eċċezzjoni jikseb id-dritt awtomatiku li jressaq provi ġodda.

10. Il-jedd tal-parti konvenuta li tissolleva eċċezzjonijiet fi stadju differenti tal-kawża, u b'mod partikolari quddiem il-Qorti tal-Appell fejn il-produzzjoni ta' provi ġodda hija strettament regolata kif fuq spjegat, ma jistax jinftiehem jew jitfisser b'mod li jagħti lil dik il-parti l-opportunità li tressaq provi li setgħu nġiebu quddiem il-Qorti tal-ewwel grad. Id-dritt tal-

partijiet li jressqu l-provi f'kawża huwa wkoll regolat mil-liġi, u dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex derogabbli b'konsegwenza tal-fatt li parti tissolleva eċċezzjoni perentorja fi stadju avvanzat tal-kawża. Kemm hu hekk, l-Artikolu 732(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi hekk:

> "Bla ħsara dejjem tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-produzzjoni tal-provi, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell għalkemm ma jkunux ġew mogħtija fil-qorti tal-ewwel grad".

11. Il-fakultà li l-eċċezzjonijiet perentorji jiġu sollevati anki waqt l-appell hija għalhekk «*Bla ħsara dejjem tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-produzzjoni tal-provi*», u għalhekk l-Artikolu 150(1) jgħodd anki fejn id-dokument ġdid ikun mitlub b'rabta ma' eċċezzjoni perentorja sollevata fl-istadju tal-appell.

12. Dan għalhekk ifisser li min jissolleva eċċezzjoni ta' preskrizzjoni waqt l-appell, hu mistenni li jsostniha permezz tal-provi li diġà jinsabu fl-atti, sakemm ma jurix li tikkonkorri xi raġuni oħra taħt l-Artikolu 150(1), li f'dan il-każ la ġiet allegata u wisq anqas murija.

13. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tiċħad it-talba magħmula mill-Awtorità konvenuta bir-rikors tagħha tal-24 ta' Settembru 2021.

L-ispejjeż ta’ dan id-digriet ikunu riservati għad-deċiżjoni finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm